MALTA

# QORTI CIVILI
# PRIM' AWLA

**ONOR. IMHALLEF**
**JOSEPH R. MICALLEF**

Seduta tat-2 ta' Dicembru, 2010

Citazzjoni Numru. 281/2009

**BANK OF VALLETTA p.l.c.**

**Vs**

**H.P. COLE LIMITED** (C-20); Henry Paul Cole; Kenneth Cole u Kenward Cole, aħwa Cole, bħala werrieta tal-mejta Maria Stella Cole; Kenward u Ruth miżżewġin Cole; Kenneth Cole u Keith Cole

**Il-Qorti:**

Rat ir-Rikors maħluf imressaq fit-23 ta' Marzu, 2009, li bih u għar-raġunijiet hemm imfissra, l-Bank attur talab li din il-Qorti:

1. Tiddikjara u tiddeċiedi illi seħħew waħda jew aktar mill-ġrajjiet imsemmija fil-kuntratti u l-iskritturi fuq imsemmija

(u hawn esebiti bħala Dokument "A u B", "H – O") partikolarment imma mhux esklussivament, billi s-soċjeta' H.P. Cole Limited u Henry Paul Cole, Kenneth Cole, Kenward u Ruth Miżżewġin Cole, Henry Paul Cole, Keith Cole, f'isimhom proprju u Kenneth Cole, Keith Cole, Kenward Cole u Kathleen Griscti Soler, aħwa Cole, bħala eredi tal-mejta Maria Stella Cole (a) naqsu milli jħallsu il-pagamenti dovuti lis-soċjeta' mittenti kif stipulat fl-imsemmi kuntratti u skritturi, (b) kienu inadempjenti f'obbligi oħra minnhom assunti fl-istess kuntratti u skritturi sopraindikati, u/jew (ċ) hemm bidliet materjali fiċ-ċirkostanzi tal-istess H.P. Cole Limited u Henry Paul Cole, Kenneth Cole, Kenward u Ruth Miżżewwġin Cole, Henry Paul Cole, Keith Cole, u Kenneth Cole, Keith Cole, f'isimhom proprju u Kenward Cole, u Kathleen Griscto Soler, aħwa Cole, bħala eredi tal-mejta Maria Stella Cole li jipperikolaw jew jaffwettwaw ħażin il-possibilita' tal-ħlas lura tal-imsemmi debitu dovut fis-soċjeta' attriċi;

2. Tikkundanna lis-soċjeta' konvenuta H.P. Cole Limited tħallas lis-soċjeta' attriċi flimkien u "*in solidum*" mal-konvenuti l-oħra f'din il-kawża, is-somma ta' miljum, seba' mitt elf, dia' mija u ħamsa u għoxrin Ewro u wieħed u sebgħin ċenteżmu (€1,700,925.71) bilanċ għad-debitu fil-"*Loan u l-Overdraft Accounts*" tagħha mal-Bank of Valletta p.l.c. flimkien mal-imgħax ulterjuri mill-11 ta' Settembru, 2008 sad-data tal-effettiv pagament;

3. Tikkundanna lil Keith Cole jħallas lis-soċjeta' attriċi flimkien u "*in solidum*" mal-konvenuti l-oħra f'din il-kawża, is-somma ta' miljun, mitejn u tnejn u tletin elf, mitejn u tmienja u tletin Ewro (€1,232,238) parti mill-bilanċ għad-debitu fil-"*Loan u l-Overdraft Accounts*" tas-soċjeta' H.P. Cole Limited bħala Bank of Valletta p.l.c. flimkien mal-imgħax ulterjuri mit-8 ta' Ġunju, 2007 sad-data tal-effettiv pagament;

4. Tikkundanna lill-konvenuti Henry Paul Cole, Kenward u Ruth miżżewġin Cole u Kenneth Cole iħallsu lis-soċjeta' attriċi flimkien u "*in solidum*" bejniethom u mal-konvenuti l-oħra f'din il-kawża s-somma ta' miljun, seba' mitt elf, disa' mija u ħamsa u għoxrin Ewro u wieħed u sebgħin

ċenteżmu (€1,700,925.71) bilanċ għad-debitu fil-“*Loan u Overdraft Accounts*” tas-soċjeta’ H.P. Cole Limited mal-Bank of Valletta p.l.c. flimkien mal-imgħax ulterjuri mill-11 ta’ Settembru, 2008 sad-data tal-effettiv pagament;

5. Tikkundanna lil Kenward Cole, Kenneth Cole, Keith Cole, u Kathleen Griscti Soler, aħwa Cole, bħala eredi tal-mejta Maria Stella Cole flimkien u “*in solidum*” jħallsu lis-soċjeta’ attriċi kwart diviż kull wieħed tas-somma ta’ miljun, seba’ mitt elf, disa’ mija u ħamsa u għoxrin Ewro u wieħed u sebgħin ċenteżmu (€1,700,925.71) bilanċ għad-debitu fil-“*Loan u l-Overdraft Accounts*” tas-soċjeta’ H.P. Cole Limited mal-Bank of Valletta p.l.c flimkien tal-effettiv pagament;

Bl-ispejjeż kompriżi dawk tal-ittri uffiċjali datati fis-17 ta’ Awwissu, 2007.

Rat id-degriet tagħha tal-lum fuq Rikors imressaq mill-Bank attur illum ukoll li bih ordnat il-bidliet fl-“okkju” tal-kawża;

Rat li l-imħarrkin li baqgħu fil-kawża laqgħu n-notifika tal-atti tal-kawża kif mibdula;

Rat in-nota ta’ ċessjoni mressqa mill-Bank attur waqt is-smigħ tal-lum fir-rigward tal-imħarrkin Kenward u Ruth Cole f’isimhom proprju, Kenneth Cole, f’ismu proprju, u Keith Cole, f’ismu proprju;

Rat in-Nota mressqa waqt is-smigħ tal-lum mill-imħarrkin H.P. Cole Limited, Henry Paul Cole, u Kenneth Cole u Kenward Cole bħala werrieta ta’ ommhom Maria Stella Cole, li biha (a) laqgħu n-notifika tal-atti tal-kawża; (b) ammettew it-talbiet tal-Bank attur; u (ċ) iddikjaraw li huma jerfgħu l-ispejjeż tal-kawża;

Għal dawn ir-raġunijiet, il-Qorti qiegħda taqta’ u tiddeċiedi l-kawża billi;

1. **Tastjeni** milli tqis aktar l-azzjoni fir-rigward tal-imħarrkin Kenward u Ruth miżżewġin Cole fil-kwalita’ tagħhom

personali, Kenneth Cole, fil-kwalita' tiegħu personali u Keith Cole, fil-kwalita' tiegħu personali, u dan fid-dawl taċ-ċessjoni min-naħa tal-Bank attur fil-konfront tagħhom;

2. **Tilqa' t-talbiet attriċi** fil-konfront tal-imħarrkin H.P. Cole Limited, Henry Paul Cole, u Kenneth u Kenward, aħwa Cole, fil-kwalita' tagħhom ta' werrieta ta' ommhom Maria Stella Cole, u dan fid-dawl tal-ammissjoni magħmula minnhom illum dwar l-imsemmija talbiet; u

3. **Tikkundanna** lill-imħarrkin H.P. Cole Limited, Henry Paul Cole u Kenneth u Kenward aħwa Cole fil-kwalita' tagħhom premessa biex iħallsu **l-ispejjeż kollha tal-kawża.**

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------